MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 470/2008/1

**Jean Pierre sive Jean Borg**

**v.**

**Nicole Borg**

**Il-Qorti:**

[1] Dawn il-proceduri jirrigwardaw zewg appelli, wiehed maghmul mill-attur u l-iehor mill-konvenuta, minn sentenza parzjali moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fil-15 ta' Novembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u ordnat il-prosegwiment tal-

kawza; u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Il-Qorti:

“Rat ir-rikors guramentat ta’ Jean Pierre sive Jean Borg, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

“Illi l-kontendenti konjugi Borg infirdu minn xulxin permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni ppublikat min-Nutar Dottor Marco Burlo` fis-16 ta’ Gunju 2005 (hawn anness u mmarkat Dokument ‘A’).

“Illi ai termini tal-istess kuntratt, it-tfal minuri tal-kontendenti, u cioe’ Sophie u Nina, gew fdati taht il-kustodja u l-awtorita’ kongunta tal-kontendenti, filwaqt illi l-kura ta’ kuljum giet fdata lill-intimata, salv ghad-dritt ta’ access rizervat favur ir-rikorrenti fl-istess kuntratt.

“Illi skond l-artikolu 2.d. tal-imsemmi kuntratt, ir-rikorrent obbliga ruhu illi jhallas lill-intimata martu, is-somma ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) kull xahar bil-quddiem ghal kull minuri, flimkien mal-hlas tal-kontijiet tal-kiri u konsum tas-servizzi tal-ilma, dawl, Melita Cable, internet u telefon, installati fid-dar tar-residenza tal-intimata, kif ukoll il-hlas tal-polza ta’ assikurazzjoni u licenzja tat-triq tal-vettura tal-intimata, oltre l-ispejjez u hlasijiet kollha ragjonevoli relatati mal-ilbies, sahha u edukazzjoni tal-minuri, flimkien ma’ somma ulterjuri ta’ elf Lira Maltin (Lm1000) fis-sena sabiex l-intimata tkun tista’ ssiefer ma’ uliedha – dana kollu bhala manteniment fl-interess tal-minuri tal-kontendenti.

“Illi skond l-Artikolu 3 tal-istess imsemmi kuntratt, ir-rikorrent obbliga ruhu li jhallas lill-intimata martu, is-somma ta’ tlett mitt Lira Maltin (Lm300) kull xahar bil-quddiem, oltre li jzomm fis-sehh polza ta’ assikurazzjoni tas-sahha fl-interess tal-intimata, flimkien ma’ polza ta’ assikurazzjoni fuq il-hajja tar-rikorrent f’somma ekwivalenti ghal mitt elf Lira Maltin (Lm100,000) u bl-intimata indikata bhala l-unika beneficcjarja ta’ din il-polza, minbarra l-hlas ta’ somma ulterjuri ta’ ghaxart elef Liri Maltin (Lm10,000)

illi thallsu lill-intimata fuq l-istess kuntratt – dana kollu bhala manteniment fl-interess tal-intimata proprio.

“Illi matul l-ahhar sena, il-hlasijiet kollha pagabbli mir-rikorrent versu l-manteniment ta’ martu l-intimata u uliedu gew jammontaw ghal aktar minn tletin elf Ewro (€30,000), kif jirrizulta mill-anness Dokument ‘B’, apparti li b’zjieda ma’ dawn il-hlasijiet, ir-rikorrent ihallas ukoll ghall-kontijiet ohra extra-kurrikulari u sostanzjali tal-minuri, inkluz safar.

“Illi apparti hekk, il-minuri qeghdin effettivament jirrisjedu u taht il-kura effettiva tar-rikorrent matul nofs kull gimgha, tant illi r-rikorrent gie kostrett illi jimpjega s-servizzi ta’ *nanny* – bi spiza ta’ ‘l fuq minn €1000 fix-xahar ghar-rikorrent, ghal dawk il-hinijiet illi fihom ir-rikorrent ikun impenjat fuq xogholu.

“Illi effettivament, ir-rikorrent ihallas ghall-bzonnijiet kollha tal-minuri, filwaqt illi l-intimata ma tikkontribwixxi xejn ghall-manteniment tal-istess minuri.

“Illi apparti hekk jezistu ragunijiet ohra sufficjenti fil-ligi sabiex jigi rivedut u ridott ukoll il-manteniment stipulat fil-kuntratt bhala pagabbli ghall-htigijiet tal-intimata, illi, fost ragunijiet ohra, illum ghandha l-mezzi u l-introjtu personali taghha, independentement minn dak kollu li jhallasha r-rikorrent.

“Illi meta gie ppublikat l-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, ir-rikorrent kellu mezzi u introjtu stabbli u efficjenti, izda minn dak iz-zmien sehhew ragunijiet u cirkostanzi illi fuqhom, l-istess rikorrent ma ghandu ebda kontroll, b’rizultat illi r-rikorrent ma ghadux aktar f’pozizzjoni finanzjarja illi jissomministra l-manteniment sostanzjali kollu hawn fuq imsemmi.

“Illi r-rikorrent jinsab awtorizzat illi jipprocedi b’din l-istanza, bis-sahha tad-Digriet numru 1710/08, moghti fit-13 ta’ Ottubru 2008, fl-atti tal-Ittra ta’ Medjazzjoni numru 153/08.

“Ghaldaqstant, l-intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“Tiddeciedi u tiddikjara illi vverifikaw ruhhom cirkostanzi u ragunijiet illi jaghtu lok ghal revizjoni u tnaqqis tal-manteniment pagabbli mir-rikorrent lill-intimata, ghaliha u/jew ghall-minuri, fis-sens illi r-rikorrent ma ghadux f’pozizzjoni finanzjarja u/jew lanqas ghandu jibqa’ obbligat illi jissomministra l-manteniment fuq imsemmi minhabba c-cirkostanzi u r-ragunijiet hawn premessi.

“Tirrevedi l-manteniment pagabbli mir-rikorrent lill-intimata, ghall-htigijiet taghha personali u/jew ghall-htigijiet tal-minuri, billi tillikwida l-manteniment pagabbli lill-intimata proprio u/jew ghall-minuri, f’somma inferjuri tenut kont tac-cirkostanzi u ragunijiet premessi u rilevanti tal-kontendenti u ta’ uliedhom minuri, b’mod partikolari izda mhux limitatament ghal dawk il-bzonnijiet tal-istess ulied minuri, id-dhul attwali tar-rikorrent u dak percepit minnu fid-data tal-publikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, kif ukoll id-dhul attwali tal-intimata u dak percepit minnha fid-data tal-publikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, u liema revizjoni ghandha ssehh b’effett mis-6 ta’ Frar 2008, illi tikkorrispondi mad-data illi fiha r-rikorrent ipprezenta l-ittra ta’ medjazzjoni li tat lok ghal dawn il-proceduri jew minn dik id-data ohra illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

“Bl-ispejjez kontra l-intimata.

“Rat ir-risposta guramentata ta’ Nicole Borg, li permezz taghha, eccepiet:

“Illi l-azzjoni odjerna, in kwantu, din tittanta li tottjeni varjazzjoni ta’ kondizzjonijiet pattwiti permezz ta’ att publiku, hija legalment improponibbli, il-kuntratti huma ligi bejn il-partijiet u sakemm ma jigux impunjati ghal dak li jirrigwarda il-validita’ taghhom, iridu jigu segwiti mill-partijiet, ikunu x’ikunu ic-cirkostanzi li xi parti tista’ talvolta ssib ruhha fiha.

"Illi l-ligi taghmel eccezzjoni wahda biss fil-kuntest tas-separazzjonijiet, billi fl-artikolu 61 tal-Kap. 16 tipprovdi illi kull ftehim dwar kura u kustodja tat-tfal jista' jigi annullat mill-Qorti kompetenti. L-ebda forma ta' varjazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni ma hi premessa mil-ligi.

"Il-ligi tiddistingwi bejn is-separazzjonijiet *ope iudicii* u dawk konsenswali. Fil-kaz ta' separazzjonijiet b'sentenza, l-artikoli 54(7) u 55A tal-Kap. 16 jippermettu varjazzjoni tal-kondizzjonijiet tas-separazzjoni imposti mill-Qorti. Izda fis-separazzjonijiet konsenswali, l-unika eccezzjoni hi dik hawn imsemmija *supra*. Li kieku l-ligi riedet illi l-artikoli 54(7) u 55A ikunu applikabbli ghas-separazzjonijiet konsenswali, il-ligi kienet tghidu, *ubi lex voluit dixit*.

"Fil-kaz partikolari, l-invarjabbilta' tal-kondizzjonijiet hija mhix gejja mil-ligi biss imma mit-termini tal-kuntratt innifsu. Tant il-partijiet xtaqu illi ma jkun hemm l-ebda varjazzjoni tat-termini tal-kuntratt, li fil-klawsola numru 6 stipulaw:

"*The parties agree that the terms and conditions of this contract shall not be varied in the event that their marriage is dissolved or annulled by a Maltese of foreign court or otherwise in any event where the spouses' rights are varied by subsequent legislation.*"

"Tant kienu fermi u decizi l-partijiet li dawn addirittura rrinunzjaw ghal kull beneficcju li anke tibdil fl-istess ligijiet setghu fil-futur jaghtu lil wiehed u lill-ohra. Huma ukoll fehmu li lanqas fil-kaz li z-zwieg jigi mahlul, ma jkun hemm varjazzjoni. Din hija raguni ohra li timmilita kontra l-proponibilita' ta' din l-azzjoni.

"Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti tikkontesta dak li jinghad fil-paragrafu B tar-rikors guramentat fis-sens illi hija llum ghandha mezzi u introjtu personali taghha, indipendenti minn dak kollu li jhallasha r-rikorrent. Fl-ewwel lok, il-kuntratt ta' separazzjoni ma jikkontempla l-ebda tibdil fil-manteniment tal-mara minhabba l-mezzi jew introjtu taghha. Jiddisponi biss illi l-manteniment ghandu jieqaf kemm-il darba l-esponenti tizzewweg jew tibda impjieg full-time, jew tahdem bhala

self-employed meta hi suppost tkun qeghda tiehu hsieb it-tfal minuri tal-partijiet.  L-ebda wahda minn dawn l-eventi m'avverat ruhha, u kwindi din l-illazzjoni hija ghal kollox irrilevanti u ma tohloq ebda dritt ta' revizjoni tal-mantneiment.

"Ir-rikorrent donnu m'apprezzax illi min jidhol ghall-kuntratt irid jibqa' b'dak li ftiehem.  Li kieku kull min isib ruhu skomdu biex jesegwixxi sehemu minn kuntratt, jista' jitlob illi dan jigi mehlus mill-obbligi tieghu jew xi uhud minnhom, tispicca t-tifsira u l-utilita' guridika ta' kuntratt, u addio il-principju "*pacta sunt servanda*".

"Fir-rigward tal-manteniment tal-ulied, huwa certament mhux fl-interess taghhom illi dan b'xi mod jitnaqqas, u fi kwalunkwe kaz, l-istess artikolu 61 huwa tassattiv fis-sens illi biex jigi varjat il-manteniment miftiehem ghat-tfal, dan irid isir fl-ambitu ta' tibdil fil-kura u l-kustodja taghhom, liema talba mhux parti mill-mertu ta' din il-kawza.

"Ghal dawn il-motivi, u ohrajn li jistghu jirrizultaw mit-trattazzjoni tal-kawza, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-attur, li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

"Rat id-dokumenti esebiti.

"Semghet lid-difensuri jittrattaw.

"Rat il-verbal tat-8 ta' Gunju 2010, li permezz tieghu, il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-intimata.

"Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza infirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt iffirmat fis-sena 2005.  L-imsemmi kuntratt jimponi fuq ir-rikorrent odjern obbligi ta' manteniment fil-konfront ta' martu u uliedu.  Ir-rikorrent isostni illi c-cirkostanzi llum tbiddlu b'tali mod li jisthoqq revizjoni tal-istess kundizzjoni.  L-intimata martu ssostni illi l-kawza hija improponibbli ghaliex kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet, ikunu xi jkunu c-cirkostanzi.

"*Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` tal-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel*", "**Grech vs Grech**" (deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' April 2004).

"**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

"Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimata Nicole Borg u tordna li l-kawza titkompla regolarment.

"L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

[2] Minn din is-sentenza appellaw iz-zewg partijiet, wara d-debita awtorizzazzjoni moghtija lilhom mill-ewwel Qorti fl-14 ta' Dicembru 2011;

[3] Illi fl-appell taghha l-konvenuta qed titlob li din il-Qorti:

"…joghgobha tilqa' l-appell taghha, u tirrevoka s-sentenza parzjali hawn appellata, billi tilqa' l-eccezzjoni tal-appellanti fis-sens li din l-azzjoni hija mproponibbli u ghalhekk tichad it-talbiet kollha tal-attur appellat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu."

[4] Illi fl-appell tieghu l-attur qed jitlob li din il-Qorti:

"tirriforma s-sentenza appellata tal-15 ta' Novembru 2011 billi tikkonfermha in kwantu cahdet l-eccezzjoni tal-konvenuta, tirrevokaha in kwantu l-motivi[1] tal-istess sentenza, u minnflok tiddecidi illi tichad l-eccezzjoni tal-

[1] Sottolinear tal-Qorti

konvenuta appellata ghall-motivi li huma esposti f'dan l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant."

## Il-Fatti

[5] Il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali pubblikat min-Nutar Dottor Marco Burlo` fis-16 ta' Gunju 2005 fejn, inter alia, ftehmu li l-kura u kustodja taz-zewgt itfal minuri taghhom tibqa' kongunta, izda dawn it-tfal kellhom jibqghu jghixu mal-konvenuta, ommhom. Fl-istess kuntratt gie pattwit manteniment dovut lill-konvenuta ghaliha, u dak dovut lilha ghaz-zewg ulied tal-partijiet.

[6] Fir-rikors promotur l-attur spjega li, mid-data tal-kuntratt, avveraw ruhhom certu cirkostanzi li ghandhom iwasslu ghal revizjoni fil-quantum tal-manteniment dovut lill-konvenuta, kemm ghaliha kif ukoll ghat-tfal minuri.

[7] Min-naha taghha l-konvenuta eccepiet, in linea preliminari, li l-azzjoni tal-attur hija mproponibbli fuq l-istregwa tal-principju *pacta sunt servanda*, u li ghalhekk dak li ftehemu l-partijiet fil-kuntratt tas-separazzjoni personali konsenswali jikkostitwixxi ligi bejniethom fit-termini tal-istess kuntratt; kif ukoll, li l-attur mhux qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-impossibbilita` da parti tieghu li jkompli jezegwixxi dan l-obbligu kuntrattwali minnu volontarjament assunt.

[8] L-ewwel Qorti bis-sentenza fuq citata cahdet din l-eccezzjoni procedurali, u strahet fuq bran tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti [diversament komposta] fil-kawza **Alfred Grech v. Pauline Grech**.[2]

## <u>L-Appell tal-Konvenuta</u>

*L-Ewwel Aggravju*

[2] Nru. 2479/1996/1 - deciza 16/04/2004

[9] Illi, wara li l-konvenuta rrilevat li l-ewwel Qorti strahet fuq "bran ckejken" tas-sentenza precitata u njorat il-kumplament tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti f'din is-sentenza, fissret hekk dan l-aggravju:

"…..illi l-principju *pacta sunt servanda* huwa t' importanza kardinali, u li huwa prezunt illi meta partijiet kontraenti jidhlu fi ftehim, dan jaghmluh wara li kull parti tkun qieset l-ahjar interessi ndividwali taghha. Dan ifisser illi, jekk l-attur appellat f'dan il-kaz, li kien dak iz-zmien, u sallum ghadu, negozjant fl-artijiet u fil-bini ghazel li jissomministra manteniment, dato ma non concesso, generuz lil martu u lil uliedu, dan fil-fatt ghamlu ghar-raguni unika, illi in kontrakkambju, martu l-appellanti tatu mano libera li jiehu f'idejh in-negozju kollu u l-progetti u binjiet li kellu, u hallietu jahdem u jizviluppa minghajr ma qaghdet tfittex in-nofs taghha…….. F'dan l-ambitu jigi sottomess illi l-essenza kollha tal-kuntratt tinsab filli l-partijiet kontraenti jibbilnacjaw l-interessi taghhom b'mod li jkun hemm *quid pro quo*. Ikun tassew ingust u inikwu ghalhekk illi wahda mill-partijiet kontraenti, f'dan il-kaz, l-appellat,iIzzomm il-beneficcju ta' dak li jkun ha fil-kuntratt, u jezimi ruhu sussegwentement mill-obbligi li jkun assuma in primis sabiex proprju jkun ippercepixxa dak il-beneficju."

"Isegwi minn dan illi proprju ghalhekk li l-legislatur ma pprovdhiex ghar-rivizjoni tal-kuntratti in generali, u certament qatt ghal dawk ta' separazzjoni. Il-legislatur isemmi r-rexissjoni tal-kuntratti f'certi kazijiet fejn jivverifikaw ruhhom vizzji precizi".

"……illi jekk il-Qrati ser jaccettaw illi parti f'kuntratt ta' separazzjoni tista' b'xi mod tezimi ruhha mill-obbligu taghha dwar manteniment, il-parti l-ohra ghandha jkollha d-dritt li titlob varjazzjoni fil-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti. B'hekk tkun saret gustizzja.."

*It-Tieni Aggravju*

[10] Dan l-aggravju huwa msejjes fuq is-sottomissjoni tal-appellanti li l-ewwel Qorti ma tat ebda konsiderazzjoni

ghal dak li ftehmu l-partijiet fil-klawsola numru 6 tal-kuntratt tas-separazzjoni, li taqra hekk:

“The parties aggree that the terms and conditions of this contract shall not be varied in the event that their marriage is dissolved or annulled by a Maltese or foreign court or othewise in any event where the spouses’ rights are varied by subsequent legislation.”

[11] Il-konvenuta ssostni li “meta l-Qorti kienet affaccjata bi klawsola li teskludi kull revizjoni[3], dak il-patt kellu jigi fedelment segwit u applikat.”

*It-Tielet Aggravju*

[12] F’dan l-aggravju l-konvenuta tirrileva li, ghalkemm l-ewwel Qorti strahet fuq il-principju, affirmat fis-sentenza citata[4] minnha, li revizjoni ta’ manteniment kuntrattwali tista ssir meta jissusistu -

“certu cirkostanzi li gew kwalifikati bhala ta’ natura gravi, eccezzjonali jew ndipendenti mill-volonta` tal-attur li gabuh fl-impossibbilita` li jhallas ir-retta alimentari”, din [l-ewwel Qorti] kellha tintebah li “imkien l-attur appellat ma’ kien qieghed jallega l-impossibbilita`.[5] Minn qari tar-rikors guramentat wiehed malajr jifhem illi huwa semplicement tal-fehema li qed ihallas wisq. Wisq fis-sens li aktar milli jmissu, u mhux iktar milli jista’. Fuq dan il-punt biss, wkoll l-ewwel Qorti kellha ssib li azzjoni ghal revizjoni ta’ manteniment fuq dawk il-kawzali kienet ex ovo improponibbli.”

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

[13] Fl-ewwel aggravju, il-konvenuta tissottometti li, filwaqt li l-ewwel Qorti “ccitat bran ckejken” mis-sentenza precitata **Alfred Grech v. Pauline Grech**, hija “…… skartat l-insenjament generali li jinsab f’dik is-sentenza li

[3] Sottolinear tal-Qorti
[4] Grech v. Grech [supra]
[5] Sottolinear tal-Qorti

jidhol f'diversi aspetti tal-materja u li jissorreggu l-pozizzjoni mehuda mill-appellanti fl-eccezzjoni taghha".

[14] Fir-rigward, il-Qorti tosserva li l-"bran ckejken" citat mill-ewwel Qorti huwa fis-sustanza u fil-qosor il-principju legali affirmat mill-Qorti tal-Appell fil-materja, u ma hemm xejn x'jindika, li l-ewwel Qorti skartat "l-insenjament generali li jinsab f'dik is-sentenza".

[15] F'dik is-sentenza, din il-Qorti wara li kkunsidrat il-gurisprudenza anterjuri, fosthom is-sentenza fl-ismijiet **Mary Vella v. Mario Vella**[6], ikkonkludiet li, filwaqt li l-principju *pacta sunt servanda* ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` tal-parti li gabuha fl-impossibbilita` li tkompli tezegwixxi l-obbligu tal-hlas ta' manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha l-fakolta` li tirrevedi dan l-obbligu. Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet". Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika wkoll, bhala deroga mill-istess, il-principju *ad impossibilia nemo tenetur,* li jifforma r-*ratio legis* tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt.

[16] Rigward is-sottmissjoni tal-attur, li "jekk il-Qrati jaccettaw li parti f'kuntratt ta' separazzjoni tista' b'xi mod tezimi ruhha mill-obbligu taghha dwar manteniment, il-parti l-ohra ghandu jkollha d-dritt li titlob varjazzjoni tal-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti"[7], hija fid-dawl tal-premess infondata, ghax dak li affermat il-Qorti mhijiex li parti "tezimi ruhha b'xi mod" mill-obbligu, izda li jigi pruvat li dik il-parti tkun qeghda, fic-cirkostanzi fuq indikati, fl-impossibbilita` reali li tesegwixxi dan l-obbligu kuntrattwali minnha assunt, u li allura jkun illogiku u anti guridiku li parti tigi mgieghla tezegwixxi obbligu li fir-realta`,

[6] App.Inf - deciza 11/01/1996
[7] Fol.75

minhabba cirkostanzi soppravenuti ghall-kuntratt, ma tistax tezegwixxi. *Multo magis* f'materja ta' hlas manteniment fejn in-nuqqas ta' parti li tezegwih jirrendiha soggetta ghas-sanzjonijiet kriminali, bil-possibbilita` anke li tigi imposta fuqha piena karcerarja.[8]

[17] Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat.

[18] Fit-tieni aggravju, il-konvenuta ssostni li l-ewwel Qorti njorat il-klawsola numru 6 tal-kuntratt, fuq citata.

[19] Hija tallaccja din il-klawsola mal-klawza numru 8 tal-kuntratt ta' separazzjoni li kien jifforma l-meritu tal-kawza **Alfred Grech v. Pauline Grech**, liema klawsola kienet tikkontempla revizjoni ta' manteniment fil-kaz ta' tibdil fil-qaghda finanzjarja tal-attur, u li fuqha din il-Qorti kienet strahet meta ddecidiet fuq l-aspett fattwali ta' dik il-kawza. Il-konvenuta tirrileva li "dik il-Qorti kienet tat piz totali u assolut ghal dak li kienu stipulaw il-partijiet dwar revizjoni o meno tal-kuntratt", u kompliet targumenta hekk:

"li kieku materja ta' revizjoni kienet materja ta' *public policy* dik il-Qorti kienet tiehu nota ta' dak li stipulaw il-partijiet, izda dejjem tirrizerva ghaliha l-prerogattiva li tisspuera d-dettami tal-istess klawsola kemm-il dabra l-interess pubbliku kienu jirrikjedu li jsir hekk. F'din is-sentenza ma hemm l-ebda accenn ta 'xi konsiderazzjoni ohra oltre li l-Qorti applikat dak li ftehmu l-partijet – *pacta sunt servanda.*"

Fil-kaz odjern, meta l-[Ewwel] Qorti kienet affaccjata bi klawsola li teskludi kull revizjoni, dak il-patt kellu jigi fedelment segwit u applikat."

[20] Fir-rigward il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

[21] Fl-ewwel lok, fl-imsemmija klawsola numru 6 il-partijiet ma eskludewx "kull revizjoni", izda ftehmu li fic-cirkostanzi hemm indikati, dak pattwit minnhom ma jigix

[8] Kodici Kriminali – Art. 338 (z) Kap. 9.

varjat. Ic-cirkostanzi specifikati minnhom huma [a] fil-kaz li z-zwieg taghhom jigi annullat jew mahlul, u [b] fi kwalunkwe kaz fejn id-drittijiet tal-partijiet jigu varjati b'legislazzjoni sussegwenti. Din kienet l-intenzjoni tal-partijiet manifestata f'din il-klawsola, u ma hemm xejn x'jindika dak sostnut mill-attur li din il-klawsola teskludi "<u>kull revizjoni</u>", anke dik tal-manteniment meta jezistu c-cirkostanzi fuq indikati ghar-revizjoni jew sospensjoni tal-istess.

[22] Dan ikompli jigi msahhah b'dak li l-istess partijiet ftehmu dwar il-manteniment fil-klawsola 3 tal-kuntratt, fejn ikkontemplaw il-possibbilita` ta' twaqqif tal-manteniment pattwit. Il-parti relevanti taqra hekk:

"*The husband's obbligations under paragraphs i u ii of this clause shall automatically and definitely lapse at the moment that the wife re-marries; or engages herself in full-time employment; or otherwise exercises any self-employed business during any hour within which the minor children are under the wife's care and are not attending school, unless the wife is in a position to take reasonaly effective and personal care of the minor child during the exercise fo such self-employed business.*"[9]

[23] Ghalhekk it-tezi tal-konvenuta li fil-klawsola numru 6 l-partijiet eskludew "kull revizjoni" hija manifestament insostenibbli.

[24] Fit-tieni lok, u referibbilment ghas-sottomissjoni tal-konvenuta dwar il-fatt li l-Qorti fil-kaz **Alfred Grech v. Pauline Grech** strahet fuq dak pattwit bejn il-partijiet, u ghalhekk applikat il-principju *pacta sunt servanda*, din il-Qorti tirrileva li minn qari ta' dik is-sentenza jirrizulta car li l-Qorti ghamlet riflessjonijiet ta' natura guridika u waslet ghall-konkluzjoni fejn affermat l-principju fuq indikat, izda qalet ukoll li f'dak il-kaz partikolari l-kuntratt kien jipprovdi ghar-revizjoni tal-manteniment f'kaz li jkun hemm tibdil fil-qaghda finanzjarja tal-attur, u ghalhekk dik il-Qorti osservat li:

[9] Fol.13

"..din il-Qorti qajla tifhem l-iskop li ghalieh kien hemm ghalfejn jinkitbu monografiji dwar id-dritt o meno ta' revizjoni f'dan il-kaz …… fi kliem iehor kienet merament kostatazzjoni ta' fatt jekk kienx hemm cirkostanzi tali li jissemmew fil-klawsola surriferita li juggistifikaw revizjoni."

[25] Fi kliem iehor, dik il-Qorti, wara li affermat il-principji legali b'reazzjoni ghas-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet f'dik il-kawza, osservat li l-materja tar-revizjoni tal-manteniment kienet sufficjentement regolata bil-kuntratt, u ghalhekk, in omagg ghall-principju *pacta sunt servanda* applikat t-termini tal-kuntratt, u ma kienx hemm skop li f'dawk ic-cirkostanzi hija, kif sostnut mill-konvenuta, kellha -

"tirrizerva ghaliha l-prerogattiva li tissupera d-dettami tal-istess klawsola kemm il-darba l-interess pubbliku kienu jirrikjedu li jsir hekk."

[26] Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat.

[27] Fit-<u>tielet aggravju</u> taghha, l-konvenuta isostni li:

"…minn imkien l-attur appellat ma kien qieghed jallega l-impossibbilita`. Minn qari tar-rikors guramentat wiehed malajr jifhem illi huwa semplicement tal-fehema li qed ihallas wisq. Wisq, fis-sens li aktar milli jmissu, u mhux aktar milli jista' . Fuq dan il-punt biss, ukoll l-ewwel Qorti kellha ssib illi l-azzjoni ghal revizjoni ta' manteniment fuq dawk il-kawali kienet ex ovo improponibbli."

[28] Illi din is-sottomissjoni tal-attur hija fattwalment u legalment skorretta: <u>fattwalment</u> skorretta ghax il-fatti premessi mill-attur ma jikkorrispondux ghal dawk esposti mill-konvenuta fil-paragrafu precedenti, u <u>legalment</u> skorretta, ghax il-fatti premessi mill-attur mhumiex ta' ostakolu ghall-azzjoni proposta minnu.

[29] Fl-ewwel lok jigi osservat li fil-paragrafu numru 8 tar-rikors guramentat l-attur jippremetti li *"jeszistu ragunijiet ohra sufficjenti fil-ligi sabiex jigi rivedut u ridott ukoll il-*

*manteniment stipulat fil-kuntratt pagabbli ghall-htigijiet tal-intimata, illi, fost ragunijiet ohra[10], illum ghandha l-mezzi u l-introjtu personali taghha indipendentement minn dak kollu li jhallasha r-rikorrent".* Ghalhekk minn din il-kawzali jirrizulta car li l-attur qed jakkampa mac-cirkostanza kontemplata fil-klawsola 3[ii] tal-kuntratt, li tikkontempla l-kaz fejn l-konvenuta jkollha mpjieg *full-time* jew tkun tiggestixxi negozju b'introjtu bil-kwalifika hemm indikata.

Ghalhekk zgur ma jistax jinghad li l-azzjoni odjerna hija mproponibbli, tenut kont li hija bazata wkoll fuq dak li hemm provdut f'din il-klawsola.

[30] Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li paragrafu numru 9 tar-rikors guramentat l-attur isejjes l-azzjoni fuq il-fatt allegat minnu li hu *"m' ghadux aktar fil-pozizzjoni finanzjarja li jissomministra l-manteniment sostanzjali kollu …"* Din il-kawzali hija bazata fuq il-fatt allegat minnu li, minhabba cirkostanzi sopravenuti ghall-kuntratt, huwa sab ruhu fil-pozizzjoni li ma jistax jissodisfa pienament l-obbligu kuntrattwali ta' hlas tal-manteniment. Dan ifisser li, fid-dawl tal-principju *ad impossibilia memo tenetur* fuq affermat, huwa qed jitlob revizjoni tal-manteniment pattwit sabiex dan jigi ridott. Ghalhekk anke f'dan ir-rigward, l-eccezzjoni tal-improponibbilita` tal-azzjoni ma treggix.

[31] Ghaldaqstant dan l-aggravju jitqies infondat.

Appell tal-Attur

[32] L-attur ukoll appella wara s-sentenza tal-ewwel Qorti. Fis-sustanza hu qed jibbaza l-aggravju tieghu fuq il-fatt li, fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti fir-*ratio decidendi* strahet fuq bran mis-sentenza **Alfred Grech v. Pauline Grech** citat minnha, biex cahdet l-eccezzjoni tal-konvenuta, u ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu bazata fuq dik il-motivazzjoni, filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza ghar-ragunijiet minnu esposti fl-appell tieghu. Fi kliem iehor, l-attur qed jitlob li din il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-

[10] Sottolinear tal-Qorti

konvenuta in kwantu bazata fuq il-motivi ndikati fis-sentenza, u tikkonfermaha “ghall-motivi li huma esposti f’dan l-appell.”

[33] Min-naha taghha, il-konvenuta fir-risposta taghha tissottometti li l-appell tal-attur huwa inamissibbli, stante li:

“huwa ben risaput illi l-interess tal-appellant jinsab fis-sokkombenza. F’dan il-kaz, l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-esponenti u ordnat li l-kawza ghandha titkompla billi l-azzjoni ntentata mill-attur instabet li hija ammissibbli”.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

[34] Fir-rigward, il-Qorti tikkondividi s-sottmissjoni maghmula mill-konvenuta, fis-sens li l-ligi ma tippermettix appell mill-motivazzjoni ta’ sentenza, izda biss mill-parti dispozittiva taghha[11], u dan ghar-raguni li hija din il-parti tas-sentenza li torbot lill-partijiet. Ghalhekk fil-kaz odjern, l-appell interpost mill-attur huwa inammissibbli stante li jirrizulta car li dan qed jappella mill-parti razzjonali tas-sentenza u mhux mid-decizjoni tas-sentenza li wara kollox hija favorevoli ghalih, u li taghha huwa qed jitlob il-konferma, ghalkemm ghar-ragunijiet differenti. Sa issa l-attur, bid-decizjoni tal-ewwel Qorti li tkompli bis-smigh tal-kawza, ma sofra ebda pregudizzju, u ghalhekk ma jistax jinghad li ghandu xi interess guridiku biex validament jappella mis-sentenza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddikjara l-appell tal-attur inammissibbli.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell tal-konvenuta, billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata; tiddisponi mill-appell tal-attur billi tiddikjara l-istess inammissibbli, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-istess.

---

[11] Ara App.Inf. Andrew u martu Rose Pace vs Unscheduled Bus Service deciza 15/12/2003

L-ispejjez tal-appell tal-konvenuta ghandhom jibqghu a kariku taghha, filwaqt li dawk relatati mal-appell tal-attur ghandhom jibqghu a kariku tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------